Għajnsielem

**MINUTI – LAQGHAT TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 51– It-Tlieta 30 ta' April 2019**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fit-3:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Franco Ciangura | Sindku |
| | Kevin Cauchi | Viċi Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Kareen Xuereb | Kunsilliera |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat: | Ryan Mifsud | Ambaxxatur |

51.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Franco Ciangura.

**51.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

51.2.1 Inqraw il-Minuti u ġew ikkonfermati.

**51.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

51.3.1 Is-Sindku rrefera għas-sitwazzjoni ta' Triq il-Hamri u għal fatt li l-kuntrattur ma' aċċettax li jiffirma l-kuntratt. Huwa propona li għandna tintbgħat ittra ta' spjegazzjoni lir-residenti ta' Triq Hamri.

51.3.2 Is-Sindku rrefera għal fatt li x-xogħol fi Triq il-Provigarju nbeda. Irid isir *survey* tal-livelli u *survey* tat-triq kollha nkluż il-parti li kienet saret diġa. Is-Sindku rrefera għall-ħajt mwaqqa' għat-triq li hemm ħdejn ta' Joe Camilleri. Sar qbil li peress li fuq dak il-każ kien hemm xi qorti nvolut, għandna nistennew is-*survey* u mmexxu miegħu.

51.3.3 Is-Sindku rrefera għall-pubblikazzjoni ta' Erba' Snin Hidma tal-Kunsill li qegħda fil-proċess ta' pubblikazzjoni. Huwa talab lill-kunsilliera biex jagħmlu messaġġ tagħhom biex jiġi ppublikat.

51.3.4 Is-Sindku propona wkoll li fl-għeluq ta' din il-leġislatura, isir Get Together għal Għaqdiet kollha tal-lokal. Sar qbil li dan għandu jsir nhar il-15 ta' Mejju fis-7:30pm fis-Sala tal-Kunsill.

## 51.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

51.4.1 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi rrefera għal fatt li hemm trailers ipparkjati quddiem ir-residenzi fi Pjazza Tolfa. Sar qbil li għandna ninfurmaw lill-Pulizija u lil-LESA dwarhom.

51.4.2 Il-Viċi Sindku rrefera għall-ħtieġa ta' *patching* quddiem iċ-ċimiterju u qtugħ ta' ħaxix.

51.4.3 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi rrefera għall-ilment magħmul mir-resident ta' Triq il-Qigħan għal fatt li din it-triq qed tintuża mill-Driving Learning Schools biex imorru jitgħallmu jipparkjaw fiha. Dan qed ikun ta' detriment għall-vetturi tar-residenti li ġieli jispiċċaw migrufa kif ukoll għall-*exhaust* li joħroġ mill-vetturi. Sar qbil li għandna nressqu dan l-ilment lill-awtoritajiet u nindikawlhom li aħna lesti li ngħinuhom isibu post alternattiv.

51.4.4 Il-Viċi Sindku rrefera għal fatt li r-rampa li hemm fuq il-bankina fi Pjazza Indipendenza u li rċieva ħafna lmenti li hija ta' periklu. Sar qbil li din ir-rampa għandha titneħħa.

51.4.5 Il-Viċi Sindku talab sabiex nagħmlu tabella oħra tal-ġbir tal-iskart fi Triq Ġiuseppi Cali. Sar qbil dwar dan u ġie propost li nordnaw 4 tabelli oħra.

51.4.6 Il-Kunsillier Peter Caruana talab sabiex nirrapportaw grada li niżlet fi Triq il-Gudja li tagħti għal Triq Sant'Antnin.

51.4.7 Il-Kunsillier Larry Buttigieg irrefera għall-ħtieġa li jsir *dog bin* u tabella *Clean After your dog* ħdejn il-karrijiet tad-dgħajjes ħdejn l-istitut ta' San Ġużepp.

## 51.5 Korrispondenza u Rapporti

51.5.1 Sar qbil li għandna nibgħatu talba lil Transport Malta sabiex isiru bollards fil-bankina ħdejn l-istores Ta' Dirjanu.

## 51.6 Proġett tat-Taraġ

51.6.1 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li ntalbet b'urġenza sabiex jiġi diskuss il-proġett tat-taraġ u l-monument. Is-Sindku esprima d-dispjaċir tiegħu li dan il-progett iddawwar daqshekk u minflok li wasalna biex ninawgurawh għadna nħabbtu wiċċna ma' dawn il-problemi.

51.6.2 Is-Sindku semma' li l-monument huwa kwazi lest u li malli jkun lest jista jiġi delivered.

51.6.3 Is-Sindku għamel referenza għall-parir li ħadna mingħand l-avukat dwar jekk nistgħux inwaqqfu l-kuntratt ma' LBV Ltd. L-avukat mhux tal-parir peress li jekk nagħmlu dan jista jitwaqqaf il-proġett u sabiex terġa toħroġ offerta u tevalwaha xorta ser intawlu ħafna l-proċess.

51.6.4 Is-Sindku rrefera wkoll għal-laqgħa li kellu fuq il-post flimkien mal-Perit u mal-kuntrattur. Il-Perit dejjem saħaq li fil-konsiderazzjoni li t-triq tinżamm li hi u li l-bankina tibqa, t-taraġ ma' setax joħroġ mod ieħor. Il-Viċi Sindku talab jekk it-tarġa tistax titwessa' għal pied u pulzier iżda s-Sindku wieġeb li difficli peress li l-irħam huwa maqtugħ u lest. Sar qbil li għandu jiġi assigurat li t-tarġa tkun ta' lanqas 30 ċentimetru wiesgħa liberalment.

51.6.5 Sar qbil li għandna ninfurmaw lill-kuntrattur li b'effett minn nhar il-Ħamis 2 ta' Mejju, il-Kunsill ser jibda jimplimenta multa ta'€200 kuljum. Dan qed nimplikawh skond Artiklu 34 kif hemm fit-*tender documents*. Sar qbil li għandna ninfurmawh ukoll li hu obbligat li skond kif provdut mill-istess tender document, li jieħu ħsieb li jipprovdi *safety measures* u jassigura li ma jkun hemm l-ebda periklu għal pedistrians waqt l-andament tax-xogħol. F'każ li sa nhar il-Ħamis jonqos milli jagħlaq l-aċċess kompletament, il-Kunsill mhux ser ikollu triq oħra għajr li jipprovdi s-*safety measures* hu u l-ispejjes li jagħmel ser jonqsu mill-ammont dovut lil LBV Ltd. Sar qbil li għandna nitolbuh jittermina x-xogħol kollu rikjest sa mhux aktar tard mis-17 ta' Mejju 2019.

51.6.6 Sar qbil li għandna niċċekjaw eżatt mal-kuntrattur tad-dawl kif ser ngħaddu d-*decorative lighting.*

51.6.7 Is-Sindku rrefera wkoll għal fatt li l-monument ser ikun lest u li jista jasal Malta sat-18 ta' Mejju. Sar qbil li dan għandu jinġab u jitpoġġa hekk kif ikun lest it-taraġ u l-bankini sabiex ikun jista jitpoġġa mal-ewwel fuq il-post.

## 51.7 Approvazzjoni tal-Pagamenti

51.7.1 Is-Segretarja prezentat l-iskeda tal-pagamenti u gew approvati.

**51.8 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

51.8.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7:30pm u ġiet preseduta għal nhar L-Erbgha 15 ta' Mejju 2019 fil-5:30 ta' wara nofsinhar.

**Franco Ciangura**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Eżekuttiv**